Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

ISSUE NO. 15 · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · JULY 2020

## AUTEM CRUCIS

Bla dubju waħda mill-aktar ikoni prominenti li nsibu fiż-Żejtun hu s-Salib tal-Pjazza li jinsab fuq pedistall mill-isbaħ f'nofs Misraħ Gregorio Bonici. Din l-ikona maestuża tfakkar il-qlubija li wrew iż-Żwieten fir-rebħa tagħhom fi żmien il-ħakma Franċiża, bejn l-1798 u l-1800. Dak iż-żmien iż-Żwieten kienu mmexxija mill-eroj Żejtuni Mikiel Cachia, li se nitkellmu dwaru f'episodju ieħor. Waqt li l-Franċiżi kienu magħluqin wara s-swar tal-Kottonera, il-Belt Valletta u l-Furjana... Aqra aktar fuq paġna **7**.





## IL-PUSTIERA

Fil-Ġurnal ta' April 2020 li toħroġ The Malta Philatelic Society ġew ippubblikati numru ta' kopji ta' noti oriġinali dwar il-kaxxi tal-ittri u r-runners ... Ara paġna **6 >**



## MILL-KĊINA

Fi żmien il-COVID-19 ħafna qattgħu dan iż-żmien ġewwa jesperimentaw fl-ikel billi jagħmlu l-ħobż tal-Malti u xi figolla. Il-ħelu ma naqasx żgur f'dan iż-żmien .. Ara paġna **10 >**

## KURŻITÀ

L-akbar għaqda tal-filatelisti ġiet reġistrata fl-2011 li hi l-**American Philatelic Society** bi kważi 35,000 membru minn 110 pajjiżi differenti. Din l-għaqda twaqqfet minn John K. Tiffany fl-1886. L-akbar numru ta' membri li kellha kien fl-1991 b'aktar minn 57,000 membru u bħalissa għandha madwar 28,000 membru.

**Il-filatelisti naqsu**

# X'Sena Din!

MILL-EDITUR
**SEAN CHIRCOP**



Għaddew tlett xhur fejn id-dinja għaddiet minn mumenti li qatt qabel ma għaddiet, kull fejn tqalleb fuq kull mezz ta' komunikazzjoni dejjem tisma' l-istess kliem u aħbarijiet, COVID-19 u coronavirus. Konna qed nisimgħu diversi pariri x'għandna nagħmlu u ma nagħmlux biex nevitaw li jkollna kuntatt ma' dan il-virus.

Virus li bidel kollox minn lejl għal nhar, fejn minħabba li ma setgħux iżjed laqgħat fil-magħluq b'numru ta' nies ma stajniex inkomplu nagħmlu l-laqgħat tagħna ta' kull xahar. Tħassru l-laqgħat kollha minn Marzu sa Ġunju, 4 laqgħat b'kollox. Minħabba dan ġie deċiż ukoll mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun li għal din is-sena jitħassar l-avveniment ta' Żejt iż-Żejtun, iż-żmien li fih ta' kull sena l-Għaqda tagħna ttella' l-wirja annwali tal-filatelija. B'hekk din is-sena l-wirja se jkollna naqbżuha minn Settembru, għax naf kemm l-esibituri jieħdu xogħol biex jorganizzaw il-wirja tagħhom, b'hekk mhux tajjeb li dan ix-xogħol kollu jiġi apprezzat minn ftit nies biss.

Din is-sena kienet bla ċelebrazzjonijiet u tifkiriet, tħassret il-Ġimgħa l-Kbira u anki l-festi. Fid-dinja kollox kien qed jikkonċentra ma' ħaġa waħda biss, il-COVID-19. Dan is-suġġett kien ukoll popolari bla dubju madwar id-dinja fil-materjal filateliku. Hawn isfel qed nagħtu ħarsa lejn il-bolol li ħarġu għal dan iż-żmien partikolari.


























# COVID-19 u l-Posta

Hekk kif wasal Ġunju u għaddew tlett xhur mill-ewwel każ ta' COVID-19 f'pajjiżna qed naraw li l-każi qed jonqsu u minn Lulju pajjiżna se jidħol f'normalità ġdida. Sa kemm jidħol il-vaċċin xorta rridu nibqgħu attenti u nżommu d-distanza soċjali, iżda tal-anqas bdejna nerġgħu naraw il-ħwienet u r-ristoranti jiftħu. L-ajruport se jerġa' jiftaħ għal ċertu destinazzjonijiet Ewropej mill-ewwel ta' Lulju li ġej, biex imbagħad mill-15 ta' Lulju jkun jista' jiftaħ għal destinazzjonijiet oħra.

Matul dawn il-ġimgħat settijiet ta' bolol ġodda baqgħu joħorġu xorta u l-posta baqgħet toħroġ avviżi li huma relatati mas-servizz postali u l-coronavirus. Kif għamilna fil-ħarġa ta' Marzu se nerġgħu nagħtu ħarsa lejn dak li kien qed iseħħ fil-posta minn April sa issa, f'dan iż-żmien li d-dinja qatt ma rat mit-Tieni Gwerra Dinjija lil hawn.

Il-posta rat li f'dawn iċ-ċirkustanzi diffiċli baqgħet tiġbor, tipproċessa u tqassam l-ittri u l-pakketti. Hawn ħareġ biċ-ċar kemm is-servizz postali għadu utli fl-era diġitali biex jinżamm kuntatt bejn il-membri fil-komunità u biex jibqgħu joperaw in-negozji. Il-Maltapost ħadet ħsieb ukoll li tqassam ktejjeb f'kull dar f'Malta u Għawdex, b'informazzjoni dwar il-virus.




Waqt il-pandemija smajna ħafna drabi bil-*frontliners* li kienu importanti biex jgħinu lill-poplu Malti, fosthom il-ħaddiema tas-saħħa, il-pulizija u tal-protezzjoni ċivili, iżda ftit ingħata kas li l-pustiera kienu wkoll *frontliners* f'dawn iż-żminijiet. Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika uriet il-gratitudni tagħha lejn il-pustiera fejn qalet, "Aħna nestendu l-gratitudni tagħna u l-apprezzament sinċier għall-impjegati kollha li għamlu dan ix-xogħol b'dedikazzjoni kbira u li wkoll qed iżommu s-servizzi postali għaddejjin minkejja l-ansjetà u l-inkwiet li qed iġġib magħha din is-sitwazzjoni."

Fid-9 ta' April il-Maltaposta ħarġet avviż li l-proċedura li l-posta waqfet milli tieħu l-firma tal-klijent fl-ittri li jeħtieġu firma, iżda minflok titlob id-dettalji tal-isem u n-numru tal-karta tal-identità tal-persuna minn dik ir-residenza partikolari li qed taċċetta l-ittra jew il-pakkett għadu jgħodd. Il-pakketti li huma kbar u ma jgħaddux mill-kaxxa tal-ittri qed jitħallew fuq l-għatba u tindaqq il-qanpiena jew iħabbtu l-bieb sa kemm ir-resident joħroġ jiġbor il-pakkett, biex tinżamm id-distanza soċjali.

Hekk kif mill-1 ta' Lulju se titneħħa l-emerġenza ta' saħħa pubblika minn pajjiżna, kull min jirċievi ittra reġistrata mill-1 ta' Lulju jrid jerġa' jibda jiffirma li rċieva dak l-oġġett postali. Iżda fil-fergħat tal-posta xorta se jibqgħu diversi proċeduri ta' mitigazzjoni biex jipproteġu lil kull klijent li jinqeda mill-fergħa; fosthom il-klijenti għandhom jistennew barra u jżommu distanza soċjali bejniethom, li f'kull fergħa jistgħu jidħlu sa 2 persuni biss fl-istess ħin, li għandha tintlibes il-maskra jew il-*visor* f'kull ħin, li kif tidħol fil-fergħa għandek tagħmel is-sanitizer u jekk jkollok sintomi ta' mard ma għandekx tidħol fil-fergħa.




Illum il-ġurnata dawn il-proċeduri qed ngħixuhom kif ta' qabilna għexu mumenti oħra fl-istorja tad-dinja, b'hekk rajt li niktibhom għalkemm huma storja riċenti, li aktar ma jgħaddu snin nibqgħu niftakru minn liema żmien għaddejna. Nisperaw li sal-ħarġa li jmiss ta' Settembru ma jkollniex bżonn insemmgħu iżjed l-imxija, il-pandemija, il-COVID-19 u l-coronavirus.

## ABBONA

Din il-ħarġa se toħroġ erba' (4) darbiet fis-sena. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ lejn l-aħħar ta' **Settembru 2020**. Din il-ħarġa hi b'xejn għall-membri kollha tal-għaqda, iżda dawk li mhux membri jridu jħallsu €0.50ċ. Biex tabbona jew tibgħat ittra lill-għaqda ibgħat fuq l-indirizz jew l-email t'hawnhekk.

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**

**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: Telefon: **2166 3866**

Mobile: **9920 3815**

E-mail: **chircop.sean@gmail.com**

Disinn: **Glen Chircop**

# *Niltaqgħu ma'... Emmanuel Żammit*



Ir-restawratur tal-arti Emanuel Żammit, twieled iż-Żejtun fl-1957. Hu studja dwar ir-restawr tal-arti taħt Carmelo Bonello, fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti ta' Malta u anki kompla bl-istudju tiegħu fiċ-Centro del Restauro, ġewwa Ruma, l-Italja.

Matul il-karriera tiegħu, ta' 40 sena restawratur tal-arti, wettaq restawr mill-aqwa fuq diversi arti imprezzabli u reġa' tagħhom il-glorja li kellhom fosthom f'diversi knejjes fil-Belt Valletta, dawk tal-Madonna tal-Pilar, tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, u fil-Knisja Parrokkjali ta' Santu Wistin. Ix-xogħol tiegħu jispikka wkoll fil-gżira Għawdxija fosthom fil-Katidral taċ-Ċittadella, fejn hawnhekk irrestawra l-pittura kollha, 'il fuq minn 70 biċċa xogħol, kif ukoll il-Kwadru titulari xogħol iż-Żejtuni Mikiel Busuttil.

F'Għawdex hu meqjus bħala restawratur mill-aqwa fejn għamel diversi xogħlijiet f'diversi parroċċi, fosthom wettaq restawr fuq sitt kupletti fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra, pitturi ta' Virginio Monti, kif ukoll fl-istess Bażilika irrestawra l-inkwatru titulari ta' Marija Bambina, fl-2014 wettaq restawr fuq l-inkwatru titulari ta' Għajnsielem, tal-Madonna ta' Loreto, impitter mill-artist Żejtuni Mikiel Busuttil, fl-Għasri rrestawra l-kwadru titulari, f'Ta' Sannat sar xogħol ta' restawr fuq il-kwadru titulari ta' Santa Margerita u l-kwadri kollha tal-artali, fix-Xewkija rrestawra l-14-il stazzjon tal-Via Sagra.

Fiż-Żejtun ħa ħsieb li jwettaq ukoll diversi xogħlijiet, iżda żgur kellu biċċa xogħol iebsa u mill-aqwa meta fl-1994 irrestawra l-arzella tal-artal tal-Kurċifiss fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun, li hi xogħol tal-artist rinomat Ġan Nikol Buhagiar li pitter fl-1739.

Manuel Żammit mhux biss xogħol fuq il-pittura wettaq, iżda anki fuq diversi statwi u Kurċifissi tal-injam, fosthom tal-Madonna tar-Rużarju, tax-Xagħra, li hi attribwita lill-artist Żejtuni Xandru Farrugia. Zammit wettaq xogħol fuq arti ta' artisti famużi bħal Mattia Preti, Favray, Francesco Żahra, u Giuseppe Cali, fost l-oħrajn, għax żgur kieku nibqgħu sejrin ma nieqfu qatt. Prosit ukoll li qed tkompli tagħti glorja l-arti ta' artisti Żwieten.

# *It-Tqassim tal-Ittri fis-Seklu 19*

Fil-Ġurnal ta' April 2020 li toħroġ The Malta Philatelic Society ġew ippubblikati numru ta' kopji ta' noti oriġinali dwar il-kaxxi tal-ittri u r-runners tal-posta fis-seklu 19. Dawn in-noti jkomplu mal-artiklu li kiteb Dr. Alfred Bonnici dwar is-sehem tas-Sur Wistin Abela, Ministru Żejtuni, biex jiġu protetti s-simboli tal-kuruna Ingliża minn fuq il-kaxxi tal-ittri fl-1974.



L-aktar li jinteressana minn dawn ir-runners tal-posta li kien jaħdmu fl-1887 huma dawk li għandhom x'jaqsmu maż-Żejtun. Ir-runners tal-posta kienu jieħdu ħsieb li jiġbru l-ittri mill-Belt Valletta u jwassluh fl-irħula rispettivi, u kienu jiġu mħaddma mill-kuntrattur.

F'din il-lista nsibu tnejn miż-Żejtun. L-ewwel wieħed kien ċertu Carmelo Libreri, li kien joqgħod 71, Triq il-Kbira, iż-Żejtun. Dan kellu 30 sena, ma kienx miżżewweġ u kien jaħdem bħala barbier, fil-fatt il-laqam tiegħu kien 'Tal-Leħja'. Xogħlu kien li jiġbor l-ittri mill-posta tal-Belt Valletta, hu jieħu x-xogħol għal Ħal Tarxien, fejn kien jieħu siegħa, u wara jieħu x-xogħol għaż-Żejtun, fejn hemmhekk kien jieħu nofs siegħa. Kien jaf jaqra bit-Taljan.

Imbagħad ċertu Ġużeppi Zammit kien iwassal l-ittri fid-destinazzjoni tagħhom. Ġużeppi, kellu 14-il sena, u kien iben il-Kuntistabbli tal-Pulizija Giovanni Zammit. Hu kien joqgħod fi Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun. Il-mixja ta' Ġużeppi, li kien għadu student u jaf jaqra bit-Taljan, kienet twila għax ried iwassal l-ittri taż-Żejtun, Marsaxlokk, Delimara u Tas-Silġ. Ħafna drabi l-posta ma kienitx tipprovdi l-barżakka biex jinġarru l-ittri fiha hi, fil-fatt Ġużeppi kien xtara din il-barżakka hu stess min flusu.



Minn dawn il-ftit noti ara kemm toħroġ informazzjoni utli dwar it-tqassim tal-ittri lokali fis-seklu 19, naraw kemm inbidlet il-ħajja soċjali, il-mezz tat-trasport u d-drittijiet tat-tfal u l-ħaddiema.

# Il-Pedistall tas-Salib

MINN

**SEAN CHIRCOP**



Wara li l-Maltin qamu f'rewwixta kontrihom tal-atti li bdew iseħħu fil-pajjiż, iż-Żwieten kien diġà rnexxielhom jirbħu t-torrijiet ta' San Luċjan u San Tumas. Iżda biex tattakka s-swar tal-Kottonera kienet iebsa. Wara li l-Ingliżi rebħu lill-Franċiżi fl-Eġittu u l-Ingliżi daħlu Malta mill-Port ta' Marsaxlokk, fl-24 ta' Settembru, 1798, iż-Żwieten kienu minn tal-ewwel li akkwistaw l-ixkubetti u l-munizzjon li daħlu l-Ingliżi magħhom. Numru ta' rġiel Żwieten biex jimpressjonaw lill-Franċiżi bil-munizzjon li għandhom resqu lejn is-swar tal-Kottonera xxejru dawn l-armi. Biex juri li waslu tant qrib is-swar tal-Kottonera u ħassewhom li għamlu att erojku bħala trofew ta' din il-ġrajja partikolari kaxkru salib salib tal-injam lejn iż-Żejtun minn dawk l-inħawi u sal-lum għadt għandna dan is-salib fuq pedistall li hu mżejjen b'diversi skultura li jikkumplimenta ż-żewġ pedestalli ta' Santa Katerina u Santu Rokku li nsibu fuq iz-zuntier, ftit passi 'l bogħod. Mal-pedistall insibu żewġ skrizzjonijiet u diversi simboli assoċjati mal-passjoni ta' Ġesù Kristu; fosthom il-kuruna tax-xewk, l-imsiemer, l-isponża, il-frosta, il-martell, it-tnalja, u s-sellum.







Waħda mill-iskrizzjonijiet titkellem dwar id-digriet tal-indulġenza li tingħata lil dawk li jitolbu quddiem dan is-Salib. L-iskrizzjoni miktuba bil-Latin fil-qosor tgħid li kull min jgħid il-Kredu quddiem dan is-Salib Imqaddes b'digriet tal-Papa Ljun XIII jingħata 100 jum ta' indulġenza. Fuq in-naħa ta' quddiem l-iskrizzjoni, l-istess bil-Latin, tgħidilna l-istorja fil-qosor wara dan is-salib.



Fosthom hemm miktub li dan is-salib li qed tara hawn hu dak li kien jinsab ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Birgu, illum il-Kalkara, fl-assedju tal-Franċiżi u kien inġib f'din il-komunità mill-irġiel Żwieten imqanqlin mit-tjubija u l-kuraġġ u għadu jinsab hawn bħala memorja. Dwar id-data jidher li hemm żball peress li r-rebħa saret fl-1798 u mhux fl-1800 kif jidher imnaqqax fuq il-pedistall.

Jidher li dan il-pedistall kien inbidel ma' dak li kien hawn oriġinali fl-1898, is-sena li dan is-Salib ingħata l-indulġenzi. Anki s-salib li naraw illum mhux dak oriġinali hekk kif dan inbidel aktar minn darba minħabba l-ħsarat li sofra bl-elementi. Infatti fl-1850 is-salib oriġinali kien inbidel wara ordni mill-Isqof Publiju Marija dei Conti Sant, peress li minħabba l-istat li kien fih lanqas seta' jiġi rrestawrat. Is-salib li nsibu llum kien inħadem fiż-Żejtun stess u l-aħħar intervent li sar fuqu kien fl-1998 fuq inizjattiva tal-Arċipriet Dun Alfred Vella.



Interessanti li minħabba li ż-Żwieten ħadu dan is-Salib lill-Kapuċċini biex jikkompensawhom ta' dan jingħad li kienu tawhom statwa tal-injam tal-Madonna tar-Ružarju li din l-istatwa għadha tinsab fit-taraġ tal-Kunvent tal-Kapuċċini ta' Santa Liberata. Iżda fil-fatt din l-istatwa kienet ġiet mibjugħa lilhom mill-Frattellanza tar-Ružarju għal 125 skud b'kuntratt li sar nhar l-20 ta' Settembru, 1803. Din l-istatwa kienet inħadmet mill-iskultur Antonio Fabri, fejn kienet ġiet tiswa 70 skud. B'hekk minflok tawilhom b'xejn qalgħu 55 skud. Fl-1803 imbagħad inħadmet statwa ġdida tar-Ružarju għaż-Żejtun.

# *MaltaPost COVID-19 Stamps*

BY
MARIO CASINGENA

Covid-19 disrupted the whole world. Start with the loss of work, that put an end for dreams and expectations in the immediate future and some forced to settle to a lesser income. The uncertainties and fears still prevail. However, over the past months, Maltapost gave Covid-19 issues a boost with the special St Joseph Issue. Preceded by the Old Residential Houses II series this year. The twenty St Joseph theme stamp issues are beyond any logical expectation. At first, I did not know what to do then reasoned out that failing to go for this issue would ruin a complete set of the same series. There is no logical sequence from the first issue to the last one. Covid-19 gave more free time and bought two kiloware stamps from two different sources, however, both charitable, but the first could sense that the stamps had been selected while the second contained a somewhat excellent selection indeed. Managed to make a good number of complete sets but with the St Joseph issue failed and could not come up with at least one complete set. No Maltapost should be restrained from making further issues with twenty and settle nicely at 10 stamps. Let's face facts the presentation is lacking in originality and artistic values. Thus it clearly shows that long term planning is lacking. Europa 2020, two beautiful stamps in two denominations ie 59c and € 2. The second stamp features Francesco de Tassis of whom fail to find the connection if any with Islands of Malta. Could there be other possibilities from the works of art left by the Knights of Malta that could have related nicely with "Ancient Postal Routes" in Malta?

SEPAC series, "Artworks in the national Collection" two magnificent works by Caruana Dingli. Note that although the FDC states SEPAC series, only the second stamp is presented and headed SEPAC. The first stamp, at rate for inland mail has a corner statue in Saint George Street, while a lady in ghonnella is passing by. The second stamp, said to be the Corpus Christi procession by the Saint Johns Co-Cathedral in Valletta












Euromed, a joint stamp issue with postal authorities whereby a chosen theme will be common to all thus 2020 "Traditional Gastronomy in the Mediterranean". Here the presentation leaves a lot to be desired. The first thing I did was to ask a reliable person in the catering trade. He gave me a list that did not include the stamp issue themes and listed as purely traditional maltese. Then the only plausible solution was a quick random selection of items that the person involved in preparing the issue, found readily available around the home kitchen. Nice way! Now, what about the definitive issue? The last is a decade ago? In all probability, the scope of such issue has been lost. Therefore the scope of a definitive issue is continuously being replaced by the commemorative issues or other adhoc issues along the year.

---

# Riċetti COVID-19

Fi żmien il-COVID-19 ħafna qattgħu dan iż-żmien ġewwa jesperimentaw fl-ikel billi jagħmlu l-ħobż tal-Malti u xi figolla. Il-ħelu ma naqasx żgur f'dan iż-żmien, b'hekk ġejna ispirati mill-bolol tal-MaltaPost biex nagħtu ftit riċetti Maltin f'każ tat-tieni mewġa.

## Pasti Roża

**Għall-isponge**

- 4 bajdiet
- 225g zokkor
- 225g marġerina
- Kuċċarina vanilja
- 225g dqiq self-raising
- Ftit ħalib

**Għall-kisi**

- Pakkett jelly tal-frawli
- 200g ġewż tal-Indi maħkuk (coconut)



Importanti li tagħmel l-isponge ġurnata qabel biex ma titfarrakx meta xxarrab bil-jelly.

Wara li tkun lestejt l-isponge, aqta' l-isponge f'biċċiet ta' porzjon. Lesti t-taħlita tal-jelly u ħalliha tibred ġo skutella. Ġo platt ċatt ferrex il-coconut maħkuk. Niżżel il-biċċiet tal-isponge kemm tbilu ġol-iskutella bil-jelly u wara iksi bil-coconut maħkuk.

## Qagħaq tal-ġunġlien

- 500g dqiq
- 200g marġerina
- Kwart ta' kuċċarina melħ
- 170g zokkor
- Kuċċarina trab tal-kannella
- Nofs kuċċarina msiemer tal-qronfol maħkuka
- Kuċċarina żerriegħa tal-anizetta
- Nofs qoxra tal-lumija
- Nofs qoxra tal-larinġa
- 2 bajdiet
- Nofs kuċċarina vanilja
- Meraq ta' larinġa
- 5 mgħaref ħalib
- Skutella żgħira bil-ġunġlien



Ħawwad l-ingredjenti kollha flimkien, minbarra l-ġunġlien, u ġibhom qishom għaġina. Ħalli l-għaġina toqgħod għal siegħa. Ibda aqta' l-għaġina f'biċċiet biex tifforma l-qagħqa. Idlek il-qagħaq bi ftit ħalib u iksi l-qagħaq bil-ġunġlien. Wara aħmihom għal madwar 20 minuta f'temperatura ta' 180 grad.

## Biskuttini tar-Raħal

- 125g marġerina
- 150g zokkor
- 2 bajdiet
- Kuċċarina vanilja
- 400g dqiq
- 2 kuċċarini baking powder
- Nofs kuċċarina trab tal-kannella
- Nofs kuċċarina msiemer tal-qronfol maħkuka
- 2 kuċċarini żerriegħa tal-anizetta



Ħawwad il-marġerina u z-zokkor sa kemm jirtabu. Ħawwad il-kumplament tal-ingredjenti fi skutella oħra. Wara itfa' fl-istess skutella tad-dqiq it-taħlita tal-marġerina u z-zokkor. Kif jiġu qishom għaġina ratba, aqta' biċċiet żgħar u agħtihom il-forma tal-biskuttin. Aħmi l-biskuttini għal madwar 15-il minuta f'temperatura ta' 180 grad. Wara żejjen il-biskuttini b'ġelu roża.



Il-Pjazza Maġġura taż-Żejtun bis-salib fin-nofs tal-Pjazza u l-lanterna tal-koppla għadha mhux mibnija.




Il-Ġnus Maqgħuda f'Lulju 2020 ħarġet sett ta' bolol bl-isem 'We are All in this Together - Help stop the spread of COVID-19' biex jiġbru fondi għall-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex jgħinu lil dawk il-pajjiżi li l-aktar huma milquta mill-pandemija tal-Coronavirus. Din l-inizjattiva ttieħdet mill-amministrazzjoni postali tal-Ġnus Maqgħuda (UNPA), fost il-messaġġi li nsibu fuq il-bolol hemm; 'Aħsel idejk'; 'Żomm id-distanza soċjali'; 'Attent mill-gideb'; u 'Nuru s-solidarjetà flimkien'.